**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 018/2019

12 ta' Mejju 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha.

**18.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

18.1.1 Ma kienx hemm

**18.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

18.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 16 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

18.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

18.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

18.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 17 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

18.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

18.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

**18.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

18.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi sad-data tal-gheluq ghas-sottomissjonijiet ta' kitbiet relatati ma' Cospicua Short Play Festival 2020. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lil dawk prezenti illi sad-data tal-gheluq tas-sottomissjonijiet kienu waslu dsatax il-applikazzjoni, liema applikazzjonijiet kienu ser ikunu qieghdin jigu evalwati minn gurija kompetenti.

18.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'hidmet il-Kunsill Lokali matul l-ahhar xhur, b'mod partikolari b'konnessjoni mal-*virus* COVID-19. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-volum ta' xoghol li kien qieghed johrog mill-Kunsill Lokali kien jeccedi dak li normalment jigi prodott. Hija ziedet tghid illi dan kien dovut b'mod partikolari ghal servizzi u inizjativi li l-Kunsill Lokali kien vara fl-istess perjodu.

**18.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.4.1 Ma kienx hemm

**18.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;**

18.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru005/20) ghall-approvazzjoni.

18.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

18.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' April 2020.

18.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**18.6 Sejhiet ghall-offerti/ kwotazzjonijiet**

18.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha mal-perit tal-Kunsill Lokali li matulha kien gie diskuss revizjoni tal-prezzijiet ghal progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi matul l-istess laqgha kien gie diskuss zvilupp fi Triq l-Irlandizi flimkien ma' xoghol ta' manutenzjoni fuq l-opra morta tal-Kunsill Lokali. Hija sahqet illi hekk kif ikunu lesti l-istimi tax-xogholijiet u jinkisbu l-permessi mehtiega, kien ser ikun qieghed jinghata bidu ghall-process sabiex eventwalment jinhargu sejhiet ghall-offerti.

**18.7 Skema CIES2.**

18.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'referenza ghal dak li kien gie diskuss fis-seduti precedenti, il-Kunsill Lokali ma kienx sejjah lit-tieni kandidata ghal interview bil-ghan illi jimtela' l-post vakanti minhabba l-pandemija Covid-19. Hija ziedet tghid illi fil-fehma taghha, galadarba s-sitwazzjoni kienet immeljorat kellhom isiru l-interviews bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jingaggja persuna permezz tal-imsemmija skema. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha ssir l-*interview* hekk kif propost mis-Sindku.

**18.8 Mili ta' postijiet vakanti**

18.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif deciz matul is-seduta precedenti, kien inkiseb permess sabiex tinhareg sejha ghal-ingagg ta' skrivan/a fi Skala 15. Hija sahqet illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tiehu hsieb illi jigi avvjat il-process sabiex l-imsemmi skrivan/a jigi ingaggjat fl-iqsar zmien possibbli.

**18.9 Risposta ghall-management letter ghas-sena 2019**

18.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet irceviet abbozz tal-*management letter* ghas-sena 2019. L-istess amministrazzjoni kienet hadet hsieb illi tipprepara r-risposti ghall-istess abbozz. Madanakollu, peress li seta' jkun hemm varjanzi minimi mill-abbozz ghall-*management letter* attwali, il-kontenut tad-dokumenti msemmija kien ser ikun qieghed jitressaq ghad-diskussjoni hekk kif il-Kunsill Lokali jircievi d-dokument ufficjali.

**18.10 The LC Care Project Grant Support Scheme**

18.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie avvjat il-process ta' xiri ta' *cat cages* b'konnessjoni mal-progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jimplimenta' bi shab ma' CSAF. Is-Sindku stiednet lis-Sur James Cauchi sabiex jaggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

18.10.2 Wara li s-Sur Cauchi aggorna lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-istess Sur Cauchi kellu jkompli l-process ta' akkwist ta' materjal flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

**18.11 Rapporti**

18.11.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dwar zoni A u B, liema rapporti kienu jindikaw tabelli li kien jinthieg li jinbidlu. Wara li inghataw dettalji tat-tabelli, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera li kellhom jigu mibdula t-tabelli proposti li jinsabu inkluzi fir-rapporti, liema rapporti jinsabu annessi u jiffurmaw parti minn dawn il-minuti.

18.11.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi jingabru stimi bil-ghan illi jinxtraw flokkijiet ghall-haddiema assenjati bl-orhos stima tkun minghand JVE Ltd. ghall-prezz ta' sebgha ewro u tmien centezmi kull flokk. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri zewg flokkijiet ghal kull haddiem assenjat minghand l-orhos offerent.

18.11.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet korrispondenza dwar progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jiddiskuti ma entita' privata u l-Gvern Centrali fi Triq Nelson. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kien hemm talba sabiex il-Kunsill Lokali u l-entita' jiddiskutu metodi ta' kollaborazzjoni dwar il-materja. Kien hemm qbil unanimu illi s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom jiltaqghu u jiddiskutu l-materja f'isem il-Kunsill Lokali.

18.11.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni maz-zieda fil-membri tal-amministrazzjoni, u wara li ddiskutiet mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tipproponi illi jinxtraw numru ta' kompjuters. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi filwaqt li kien hemm zewg impjegati li ma kellhomx kompjuters, kien hemm

impjegat iehor li kellu kompjuter li kien inxtara fl-2008 u li kien hemm bzonn jinbidel. Hija infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ingabru hames stimi bl-orhos offerta tkun ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin ewro ghal kull kompjuter. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezent illi kellhom jinxtraw tliet kompjuters minghand l-orhos offerent.

**18.12 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

18.12.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-8 ta' Gunju 2020 fit-3:30 p.m.

Konfermati, illum <u>8 ta' Ġunju, 2020</u>

IFFIRMATA

____________________

**Alison Zerafa Civelli**
Sindku

IFFIRMATA

________________________

**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv